MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2009

Talba Numru. 536/2008

**Korporazzjoni Enemalta**
**vs**
**V & C Contractors Limited**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta Lulju 2008, fejn intalab sabiex is-socjeta konvenuta tigi kkundannata thallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta' €1,448.71c (elf erba' mija u tmienja u erbghin Ewro u wiehed u sebghin centezmu) rapprezentanti valur ta danni kawzati f'cable proprjeta ta' l-attur f'incident li sehh nhar is-6 ta' Gunju 2005 gewwa triq Falka Zabbiegh limiti tal-Mosta oltre biex jithallas l-imghax legali dekorribbli mis-27 ta' Lulju 2006 d-data tal-ittra ufficcjali sal-pagament effettiv.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficcjali datata 27 ta' Lulju 2006 kontra s-socjeta konvenuta ngunta in subizzjoni.

Ra r-risposta tas-socjeta konvenuta datata 11 ta' Novembru 2008 fejn ikkontestat it-talba attrici ghal diversi ragunijiet fosthom il-preskrizzjoni tal-azzjoni odjerna ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Sema l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti esebiti.

Ikkunsidra.

Illi qabel xejn dan it-Tribunal sejjer jitratta l-kwistjoni tal-preskrizzjoni tat-terminu ta' sentejn sollevata mis-socjeta konvenuta peress illi jekk din tirrizulta ser twassal biex toqtol l-azzjoni mressqa mill-Korporazzjoni attrici.

Illi mill-provi jirrizultaw is-segwenti fatturi:-

1. L-incident meritu ta' dina l-kawza sehh fis-6 ta' Gunju tas-sena 2005.

2. Illi l-kawza odjerna giet prezentata jew fit-3 ta' Lulju 2008 skond timbru wiehed jew fis-7 ta' Lulju 2008 skond timbru iehor pero certament mhux fis-7 ta' April 2008 kif hemm indikat fuq il-Qoxra tal-process;

3. Illi ghalkemm fl-avviz hemm indikat li kienet giet prezentata ittra ufficjali datata 27 ta' Lulju 2006, liema ittra ufficcjali kienet isservi sabiex tinterrompi l-perjodu preskrittiv, dan l-att gudizzjarju ma giex ipprezentat bhala prova u kwindi dan it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni tieghu skond il-principju quod non est in acta non est in mundo partikolarment meta tqis illi certament ma hemmx il-prova tan-notifika ta tali att gudizzjarju;

4. Illi anqas ma ngiebet xi prova ohra li l-perjodu preskrittiv gie nterrott b'xi mod iehor skond il-ligi. Illi ghalkemm Patrick Borg Cardona xehed li Vincent Borg kien ammetta mieghu li kienu l-haddiema tieghu li laqtu l-cable fl-istess xhieda jafferma li Borg kien stqarr mieghu li mhux il-haddiema tieghu kienu ghamlu t-toqba fejn kien hemm il-cable milqut. Barra minnhekk xhud iehor tal-attur, certu Charles Fenech afferma li haddiema tas-socjeta

konvenuta kienu a tempo vergine nnegaw li kienu huma li laqtu l-cable. Jinghad inoltre li PC 548 ikkonferma r-rapport tieghu stess fejn hemm imnizzel li Vincent Borg kien cahad mieghu li laqat il-cable “from his end he strongly denied that he or any one of his employees caused any damages to said cable”.

5. Illi in vista tal-premess ghalhekk ghandu jirrizulta li meta giet intavolata l-azzjoni odjerna, kienu gia ghaddew aktar minn sentejn mid-data tal-incident u li tali perjodu legali ma gie nterrott b’ebda mod u manjiera mill-Korporazzjoni attrici.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa t-tieni eccezzjoni sollevata mis-socjeta konvenuta, kwindi jiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta ai termini tal-artikolu 2153 Kap 16 tal-Ligijiet ta Malta u konsegwentement ghalhekk jichad it-talba attrici bl-ispejjes kollha ta’ din l-istanza a karigu tal-istess Korporazzjoni attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------